MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 50/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs**

**Charley Borg**

**Illum 26 ta' Settembru 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 50/2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Charley Borg, ta' tmienja u tletin (38) sena, bin Joseph u Mary nee Xuereb imwieled il-Canada, nhar is-7 ta' Dicembru, 1973, residenti 'Sugar Cane', Triq l-Indipendenza, Qala Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 96092M, akkuzat talli nhar it-3 t'April 2012 gewwa l-Qala

Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sammy Attard (ID No. 10877G);

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Sammy Attard (ID No. 10877G) b'oggett iebes sabiex jingurjah, idejqu u/jew jaghmillu hsara;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil persuni ta' Sammy Attard (ID No. 10877G) u Richard Attard (ID. No. 52952G);

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Il-Qorti, f'kaz ta' htija ta' l-imputat, barra l-piena giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*fol.* 29) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 338(dd), 339(1)(d)(e)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 382A, 383, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotti.

## Ikkunsidrat

Illi l-konsulenti legali tal-partijiet iddikjaraw li kien hemm qbiel bejniethom illi l-griehi sofferti fuq il-persuna ta' Sammy Attard kienu ta' natura hafifa[1]. Jirrizulta li l-kwerelanti Sammy Attard u Richard Attard ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri u dana sabiex ma jinkriminawx ruhhom fi proceduri kriminali pendenti kontra taghhom. Jirrizulta wkoll li, fis-seduta tallum, l-imputat obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jimmolesta jew idejjaq jew ikellem lill-kwerelanti u li, in segwitu ta' din l-obbligazzjoni, il-kwerelanti rrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet.

In segwitu tal-obbligazzjoni fl-atti da parti tal-imputat u tar-rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli da parti tal-kwerelanti, il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandux jigi applikat l-Artikolu 383 jew l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Seduta tas-26 ta' Settembru 2012.